A.L. 82 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA
(KAP. 607)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 tal-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 607.03.

Emendi ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolamenti prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) il-kelma "mill-Kummissjoni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "mill-Awtorità";

(b) il-kelma "lill-Kummissjoni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "lill-Awtorità";

(ċ) il-kliem "il-Kummissjoni" u "Il-Kummissjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità" u "L-Awtorità" rispettivament;

(d) il-kelma "l-Kummissjoni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "l-Awtorità";

(e) il-kelma "tal-Kummissjoni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tal-Awtorità";

(f) il-kelma "mal-Kummissjoni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "mal-Awtorità"; u

(g) il-kelma "provditur", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "fornitur".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "l-Att" tagħha għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità kif imwaqqfa bl-artikolu 3(1) tal-Att;"; u

(b) it-tifsira "Kummissjoni" tagħha għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "fl-artikolu 65 tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-artikolu 3(2) tal-Att";

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "fl-artikolu 69(10) tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-artikolu 17 tal-Att"; u

(ċ) fis-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "l-artikolu 66 tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 17(5) tal-Att".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "l-artikolu 66 tal-Att." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 3 tal-Att.".

Jemenda r-regolament 34 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fil-paragrafu (l) tas-subregolament (2) tar-regolament 34 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "l-artikoli 65 u 66 tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 3 tal-Att".

Jemenda r-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "l-artikolu 66 tal-Att;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 3 tal-Att;"; u

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "l-artikoli 65 u 66 tal-Att." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 3 tal-Att."; u

(b) fis-subregolament (8) tiegħu, il-kliem "l-artikolu 66

tal-Att." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 3 tal-Att.".

8. Ir-regolament 49 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 49 tar-regolamenti prinċipali.

"Appelli. 49. Fornitur jista' jappella minn kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni li tittieħed mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti quddiem il-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha fi żmien għoxrin (20) jum kalendarju mid-data li d-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-fornitur:

Iżda l-imsemmi appell ma għandux jikkonċerna l-merti ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-għoti jew tar-rifjut ta' liċenzja jew l-akkreditament, ir-revoka jew is-sospensjoni tagħha jew l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet jew kondizzjonijiet fuq detenturi ta' liċenzja.".